**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tnejn, 13 ta' Mejju, 2019**

**Rikors Nru. 383/2019**

**Luca Selvaggi**

**vs**

**Manouche Ltd.**

**Il-Qorti,**

Din hi talba ghal mizuri provvizorji mitluba a bazi tal-artikolku 6(1) u 8(1)(a) tal-Kap. 488 intiza biex tinghata protezzjoni lir-rikorrenti fid-dritt tieghu fuq trademark 'Manouche' numru 57848 registrata f'ismu li giet mitluba fit-3 ta' Mejju 2018 u giet ufficjalment registrata fil-25 ta' Marzu 2019.

Ir-rikorrenti qed jibbaza t-talbiet tieghu fuq l-artikolu 9(1) u l-artikolu 10(1) tal-Kap. 416 li jqis li persuna qed tikkontravvjeni trade mark meta fil-kors tal-kummerc ikun qed juza sinjal identiku ma' trade mark ghar-rigward ta' oggetti u servizzi identici ma' dawk li dwarhom it-trade mark tkun registrata.

Is-socjeta intimata bl-istess isem li giet registrata fl-2016 qed topponi ghal dawn it-talbiet ghal diversi ragunijiet.

Fil-qosor u fuq bazi prima facie ghax wara kollox dak mitlub huma mizuri protettivi u provvizorji pendent ezitu ta' azzjoni fuq il-mertu, jidher li bejn id-diretturi u azzjonisti tas-socjeta intimata u r-rikorrenti kien hemm negozju ghaddej dwar 'craft bakery' u gestjoni taghha li nholqot ex admissis mill-idea tar-rikorrenti li wkoll jidher prima facie li indvidwa l-isem u l-krejazzjoni tal-'bakery' distintiv, bl-ghanjuna ta' certu Bjorn Bartolo u Matthew Bartolo u Kevin Mangion u bl-inkorporazzjoni tas-socjeta intimata, din tal-ahhar kienet qed tipprovdi l-finanzjament ghal progett.

Jidher mill-atti u ritratti esebiti illi dan in-negozju infetah ghal habta ta' Jannar 2018 bl-isem Manouche (ara ritratti fol. 108-109) bil-kunsens tal-istess rikorrenti billi bejn il-partijiet kien hemm intendiment, mhux attwat, illi jsir ftehim ta' franchising. Sadattant ir-rikorrenti kien qed jithallas paga ghal servizzi li kien qed jaghti fl-istabbiliment miftuh u operanti. Kien hemm dizgwid bejn ir-rikorrenti u l-paritjiet l-ohra u r-rikorrenti iddistakka ruhu mill-partijiet l-ohra u infethu dawn il-proceduri.

Dak li hu pertinenti ghal proceduri odjerni bla ebda pregudizzju ghal partijiet rigward kull azzjoni jew pretensjoni appartenenti lilhom hu jekk f'dawn ic-cirkostanzi r-rikorrenti ghandhux ragunijiet validi jitlob mizuri protettivi.

Din il-Qorti tqis li huma zewg ragunijiet ghaliex it-talba tar-rikorrenti ma tistax tintlaqa'. Fl-ewwel lok ir-rikorrenti isib ostakolu bl-artikolu 12(1) tal-Kap. 416 li jighd li trade mark ma jaghti ebda jedd lil proprjetarju li jipprojbixxi l-uzu fir-rigward ta' oggetti li jkun fihom dik it-trade mark li jkunu tqeghdu fis-suq mill-proprjetarju innifsu jew bil-kunsens tieghu.

Hu car illi t-trade mark 'Manouche' kienet qed tintuza bil-kunsens tar-rikorrenti sa minn Jannar 2018 u qabel din id-data kienu qed jigu mixtrija mis-socjeta intimata l-oggetti konnessi mal-bakery bl-istess isem bla oppozizzjoni tar-rikorrenti. Ghalkemm hu minnu illi r-rikorrenti jista' jissottometti li kien in buona fede fl-aspettativa ta' ftehim formali bejn il-partijiet pero din hi kwistjoni differenti minn dak li l-Qorti ghandha quddiemha. It-trade mark application saret f'Mejju 2018 u giet registrata sena wara.

Di piu t-talba hi ghal mizuri provvizorji u ghalkemm il-ligi ma tispecifika xejn, dawn il-mizuri jridu jintrabtu mal-principji ta' ragonevolezza u proporzjonalita. Il-Qorti tqis illi t-talba ghal mizuri qed issir ferm wara li beda jintuza fil-prattika l-isem 'Manouche' u l-approvazzjoni tat-trade mark sehh sena wara l-applikazzjoni.

Dawn il-konsiderazzjonijiet iwasslu lil Qorti ghal konvincement li l-mizuri provvizorji rikjesti ma jisthoqqilhomx f'dan l-istadju tal-proceduri li jigu milqugha u qed jigu michuda. Spejjez jibghqu bla taxxa fic-cirkostanzi.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur